# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 28 ta' Marzu 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru. 323/2024**

**Nru:6**

## S&D Yachts Limited

**v**

## Nicholas Formosa u Luisa Tufigno bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Svea Yachting Limited bħala sid tal-bastiment M/V SVEA, numru ta' reġistrazzjoni 14733

1. Din hi talba għal miżura kawtelatorja skont l-artikolu 37 tal-Kap. 234.

2. L-attriċi tippremetti hekk:

   i. Illi s-soċjeta' konvenuta hija propjetarja tal-bastiment M/V SVEA li huwa reġistrat hawn Malta u li għandu n-numru ta' reġistrazzjoni uffiċjali 14733 u numru tal-Organizzazzjoni Internazzjonli Marittima 8999257 (kopja taċ-Ċertifikat tar-Reġistru Malti għal bastiment M/V SVEA hawn anness u mmarkat bħala Dok A);

   ii. Illi s-soċjeta attriċi kienet inkarigata mis-soċjeta' konvenuta sabiex trendi servizzi amministrattivi lil bastiment M/V SVEA. Illi minn Ottubru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) sa' Awwissu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), is-soċjeta attriċi prestit diversi servizzi fosthom servizzi regolari ta' amministrazzjoni tal-bandiera tal-bastiment ma' l-Awtoritajiet marittimi lokali kif ukoll ammistrazzjoni tal-bastiment ma entitajiet lokali u barranin;

Kopja informali

iii. Illi llum is-soċjeta' attriċi hija dovuta somma komplessiva ta' disa' t'elef mitejn erbgħa u disgħin Ewro u ċenteżmu (€9,294) u li sal-ġurnata odjerna għadhom ma ġewx saldati kif rappreżentati mis-segwenti fatturi (kopja ta' *Statement of Accounts* datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) hawn anness u mmarkat Dok B):

a. Fattura bin-numru IN 009088 datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għall-ammont ta' mitejn ħamsa u seba' mitt Ewro (€275), hawnhekk immarkata bħala Dok C;

b. Fattura bin-numru IN 010561 datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għall-ammont ta' mitejn ħamsa u sebħgin Ewro (€275), hawnhekk immarkata bħala Dok D;

c. Fattura bin-numru IN 010569 datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għall-ammont ta' elf sitt mija sitta u tmenin Ewro (€1,686), hawnhekk immarkata bħala Dok E;

d. Fattura bin-numru IN 011767 datata it-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) għall-ammont ta' disa' t'elef ħames mija tmienja u għoxrin Ewro u ċenteżmu (€9,528.01), hawnhekk immarkata bħala Dok F;

Stante illi s-soċjeta' konvenuta għandha kreditu totali ta' elfejn erba' mija u sebgħin Ewro (€2,470) favur tagħha ai termini ta' DR005136 datata s-sebgħa (7) ta' Settembru tas-sena elfen wieħed u għoxrin (2021) u DR005149 datata is-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021), il-bilanċ illi għadu dovut mis-soċjeta' konvenuta jammonta għas-somma ta' disa' t'elef tnejn erbgħa u disgħin Ewro u ċenteżmu (€9,294.01);

iv. Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet sabiex isir l-ħlas tal-fatturi hawn fuq imsemmijin is-soċjeta Svea Yachting Limited baqghet inadempjenti;

v. Illi l-pretensjonijiet tas-soċjeta attriċi fil-konfront tas-soċjeta konvenuta hija ta' servizzi u neċessitajiet forniti lil bastiment M/V SVEA, ghat-thaddim, imaniggar, zamma u manutenzjoni kif previst fl-Artiklu 742B (o) u/jew kummissjonijiet, sensarija, jew drittijiet ta' aġenzija li jitħallsu rigward il-vapur, minn jew f'isem is-sid tal-vapur jew id-*demise charterer* kif previst fl-Artikolu 742B(t) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u azzjonabbli bhala azzjoni *in rem* a tenur ta' l-Artiklu 742D tal-Kap 12 b'dan għalhekk illi tikkostitwixxi dritt fi u jew fuq il-bastiment kif imfisser fl-Artiklu 37 (10)(a)(v) tal-Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta u dan kif jiġi pruvat aħjar waqt is-smiegħ tal-kawża u konsegwentament dina l-Onorabbli Qorti għandha s-setgħa li tipprojbixxi kull negozju dwar bastimenti jew sehem fih;

vi. Illi sa fejn taf is-soċjeta attriċi, l-assi tas-soċjeta konvenuta huwa l-bastiment M/V SVEA reġistrat hawn Malta u jekk is-soċjeta konvenuta tbiegħ jew titrasferixxi mod ieħor dan il-vapur, jew sehem tiegħu, l-kreditu tas-soċjeta attriċi jiġi leż.

Kopja informali

3. L-attriċi għalhek talbet lill-qorti:

   i. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgħ jew self fir-rigward tal-bastiment M/V SVEA, numru ta' reġistrazzjoni uffiċjali 14733 u numru ta' IMO 8999257 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll ma jiġux kostitwiti u reġistrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinħareġ ebda 'deletion certificate' u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet li jidrilha xierqa u opportuni u skond l-Artiklu 37 tal-Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta.

   ii. Tordna li kull ordni magħmula minn din l-Onorabbli Qorti tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Bastimenti Merkantli u tal-Baħrin a tenur ta' l-istess Artiklu 37 tal-Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. L-attriċi kienet ressqet ukoll rikors biex ikun hemm projbizzjoni proviżorja, talba li ntlaqgħet b'digriet tas-27 ta' Marzu 2024.

5. Fir-risposta, il-kuraturi spjagaw li għalkemm kitbu lll-intimata, ma kienux rċevew risposta u, għalhekk, ma setgħux iressqu difiża sostantiva.

6. L-attriċi ressqet affidavit ta' Mark Darmanin Kissaun b'dokumenti kkonfermati minnu, li jsostnu l-pretensjoni tagħha għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri: jiġifieri provi li juru li l-intimata għandha każ x'tirripondi għalih. Il-konvenuta ma ressqitx provi (ara verbal tas-6 ta' Frar 2025).

Għalhekk, il-qorti:

i. Tordna li, għal sena mil-lum, ma jsir ebda negozju fir-rigward tal-bastiment M/V SVEA, numru ta' reġistrazzjoni uffiċjali 14733 u numru ta' IMO 8999257, jew fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment; u

ii. Trid li din l-ordni tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Bastimenti Merkantli u tal-Baħrin a tenur ta' l-istess artiklu 37 tal-Kap 234.

Kopja informali

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

Kopja informali